# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 828/15NHV

Numru fuq il-Lista: 6

**Marletta Enterprises Limited**
(C 36827)

**vs.**

**Marlene Farrugia**
K.I. 4867(M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2015, illi permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet mingħand il-konvenuta l-ħlas tas-somma ta' mitejn tnejn u

ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€252.75), liema somma tirrappreżenta ammont dovut skont l-istatements.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuta, ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2015, illi permezz tagħha hija eċċepixxiet:

1. Preliminarjament, illi s-somom ta' tliet EUR 40 (Invoice items 13291, 13295 u 132987) total ta' EUR120 huma "multi amministrattivi" li mhux dovuti billi illegali;

2. Fil-mertu illi l-makkinarju mibjugħ ġarrab ħsara fil-perijodu tal-garanzija u wara żewġ attentati mingħajr suċċess, din il-ħsara ġiet riparata f'Marzu 2015; inħareġ kont ta' EUR120 għal din l-okkażjoni li mhix dovuta billi r-riparazzjoni ta' ħsara fil-perijodu ta' garanzija hija a karigu tal-venditur u mhux tal-kompratur.

   Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Sema' lil Michael Marletta jixhed in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi u ra d-dokumenti kollha minnu ippreżentati.

Sema' lill-konvenuta tixhed minn jeddha u x-xhieda minnha prodotti: Marisa Mangion, Maria Alexia Zammit u Claudia Fava u d-dokumenti minnhom esebiti.

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tal-11 ta' Mejju 2016, fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ammont reklamat mis-soċjeta` attriċi jinqasam f'żewġ partijiet u cioe €120 għat-tiswija ta' Autoclave mis-soċjeta` attriċi fuq inkarigu tal-konvenuta u €120 imposti ai termini tal-

Artikolu 26E(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u cioe €40 għal kull klinika li tiġġestixxi l-konvenuta.

<u>€120 għat-tiswija tal-Autoclave</u>

Il-konvenuta xtrat mingħand is-soċjeta` attriċi autoclave għall-klinika ġdida tagħha fil-Birgu. Dan l-apparat jintuża biex jisterilizza apparat ieħor użat fil-kamp mediku, fil-każ odjern għodda fil-professjoni tad-dentistrija. L-apparat inxtara f'Mejju 2013. Mill-fattura li tinsab esebita fol. 41 tal-proċess, jirriżulta li dan l-apparat kellu terminu ta' sena garanzija.

Fil-każ odjern, in vista li dana si tratta minn apparat li qed ikun użat mill-konvenuta fil-professjoni tagħha, il-konvenuta ma tistax tgawdi mis-sentejn garanzija emanenti mill-Kapitlu 378 l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Dana għaliex l-istess att jiddefinixxi l-konsumatur bħala "*kull individwu li fi transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jkun qed jaġixxi għal* ***għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-****kummerċ, negozju, sengħa jew* ***professjoni***;"[1]

Għaldaqstant it-tiswija li għamlet is-soċjeta` attriċi ma kinitx koperta minn garanzija, la kontrattwali u lanqas statutorja.

Il-ħsara fl-apparat kienet fil-filter u dana stante li l-filter ma kienx qed issirlu l-manutenzjoni ordinarja li kellu bżonn ta' kull xahar. Il-konvenuta tallega li s-soċjeta` attriċi qatt ma nfurmatha jew lill-assistenti tagħha li kien hemm il-ħtieġa ta' din il-manutenzjoni, ossia t-tindif tal-filter. Hija tellgħet quddiem it-Tribunal diversi xhieda in sostenn ta' dan l-argument tagħha u t-Tribunal effettivament jemmen din il-verżjoni anke stante li rriżulta li s-sur Marletta innifsu (it-tekniku tas-soċjeta` attriċi) ma kienx jaf fejn kien dan il-filter.

Pero` jirriżulta wkoll li l-konvenuta u l-assistenti tagħha kienu familjari ma' apparat simili u kienu jafu li dan ikollu filter li jitnaddaf regolarment. Dwar l-autoclave mertu tal-kawża, li kien ta' ditta differenti minn oħrajn li kellhom fil-kliniċi l-oħra, setgħu jikkonsultaw mal-manual tal-apparat, jew jistaqsu lis-sur Marletta, biex jaraw jekk dan ukoll bħall-autoclaves tad-ditti l-oħra kellux filter li ried jitnaddaf regolarment. Il-ħtija li dan il-filter ma kienx qiegħed jitnaddaf ma tistax tkun attribwita biss lis-soċjeta` attriċi.

It-Tribunal huwa tal-fehma li t-tekniku nkarigat mis-soċjeta` attriċi bilfors kellu jaċċedi fil-klinika tal-Birgu sabiex jasal għall-konklużjoni li l-ħsara ġejja mill-filter. Allura xi

[1] Enfasi tat-Tribunal

pagament huwa dovut lis-soċjeta` attriċi għas-servizz tagħha. Il-ħin li dam isewwi s-Sur Marletta huwa esaġerat u dana stante li ċċarġjaw lill-konvenuta ta' tliet sigħat xogħol, meta matul is-smigħ tal-kawża sar aċċenn diversi drabi li din kienet operazzjoni ta' ħames minuti kollox. Il-fatt li huwa ħtieġlu jżarma l-apparat kollu u saħansitra jċempel barra minn Malta biex isib irkaptu tal-ħsara li kienet xi ħaġa daqshekk sempliċi, mhijiex għajr riżultat tan-nuqqas ta' kapaċita teknika tiegħu f'dak li jirrigwarda l-autoclave in kwistjoni. Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ħlas ġust għax-xogħol ta' tiswija li wettqet is-soċjeta` attriċi huwa ta' siegħa xogħol, ossia erbgħin ewro, stante li s-soċjeta` attriċi tiċċarġja bir-rata ta' erbgħin ewro fis-siegħa.

<u>€120 imposti ai termini tal-Artikolu 26E(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ</u>

L-artikolu 26E tal-Kodiċi tal-Kummerċ jistipula: ***"**B'żieda mat-talba għal ħlas tardiv taħt dan is-Sub-titolu, kreditur ikollu d-dritt li jirkupra mid-debitur, mingħajr il-ħtieġa ta' tfakkira:*
*(a) minimu ta' erbgħin euro (€40) bħala kumpens għall-ispejjeż ta' irkupru li jkun ġarrab il-kreditur stess; u*
*(b) kull somma oħra raġonevoli li teċċedi erbgħin euro (€40) li jkun ġarrab minħabba fil-ħlas tardiv tad-debitur."*

Is-soċjeta` attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' erbgħin ewro għal kull waħda mit-tliet kliniċi ġestiti mill-konvenuta u cioe Żebbuġ, Birgu u Siġġiewi u dana peress illi kull klinika għandha l-kont tagħha separat. L-ordnijiet u l-konsenji jsiru fuq kull klinika separatament.

Fil-każ odjern, irriżulta mix-xhieda ta' Marisa Mangion l-amministatur tal-kliniċi illi bħala prassi huma kienu jiġbru numru ta' fatturi dovuti lis-soċjeta` attriċi u jgħaddu l-pagament tagħhom flimkien. B'konsegwenza ta' dan kien hemm fatturi li kienu jaqbżu it-30 ġurnata credit term li kienu konċessi mis-soċjeta` attriċi. "... *ngħid li qatt ma kien hemm problemi dwar dan fis-sens li jiena kont niġbor ammont ta' fatturi u nibgħatlu ċ-ċekk tagħhom, għalkemm naqbel li kien hemm xi fatturi li ġew imħallsa wara t-thirty days credit li kellna. Ngħid li huwa dejjem tħallas tal-fatturi kollha iżda ġieli ma tħallasx fi żmien tletin jum. Qed jiġi ssuġġerit lili li hu ġieli kien iċempel ukoll għal pagament u jiena ngħid li ġieli kont inċempel biex nagħmel l-order u kien ifakkarni fil-pagament u jiena kont inwiegħdu li kont ser nieħu ħsieb nagħmilulu."*[2]

L-artikolu mill-Kodiċi tal-Kummerċ iċċitat jorbot il-ħlas tal-erbgħin ewro (minimu) mal-ispejjeż tal-irkupru. Fil-każ odjern, ma rriżultax illi s-soċjeta` attriċi għamlet xi spejjeż tal-

[2] Xhieda ta' Marisa Mangion mogħtija fl-14 t'April 2016 fol. 45 et sequitur

irkupru. L-iktar li setgħet nefqet is-soċjeta` attriċi kienet l-ispiża ta' telefonata biex tfakkar lill-konvenuta fil-pagament, għalkemm il-konvenuta tgħid li t-telefonata kienet tagħmilha hija bl-iskop li tagħmel ordni ulterjuri. Hija fehma ta' dan it-Tribunal illi l-leġiżlatur ma kellux f'moħħu sempliċi telefonata waħda bħala spejjeż tal-irkupru. It-Tribunal huwa konsapevoli ta' sitwazzjonijiet fejn il-kreditur jaħli ħafna iktar sforz u ħin sabiex jiġbor dak dovut lilu. Fil-każ odjern, il-konvenuta dejjem ħallset mingħajr tqanżiħ u nkejja, minkejja li xi fatturi kien jaqbżu t-tletin jum. Għaldaqstant hija l-fehma tat-Tribunal, illi l-ammont ta' erbgħin euro reklamat  fuq il-kliniċi ta' Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi ċertament m'humiex dovuti.

Inoltre dak li ngħad fuq il-kliniċi l-oħrajn, l-erbgħin euro reklamati fuq il-klinika tal-Birgu huma marbuta wkoll mad-deċiżjoni dwar it-tiswija tal-autoclave tal-Birgu. Il-fattura 12747 (fol. 28) kienet qed tiġi kkontestata mill-konvenuta, u din kienet kontestazzjoni serja u mhux frivola jew kapriċċjuża. Ladarba kienet hekk kontestata, l-ammont reklamat fl-istess fattura ma kienx għadu qed  jattira lejh la interessi kummerċjali u lanqas kumpens għall-ħlas tardiv.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' erbgħin ewro (€40) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' erbgħin ewro (€40) bl-imgħax legali dekorribbli mis-16 t'Ottubru 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal erbgħa u tmenin fil-mija (84%) mis- soċjeta` attriċi u sittax fil-mija (16%) mill-konvenuta[3].

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur

[3] In vista li t-Tribunal għandu quddiemu kawża għal somma minima ta' ċirka €250 u li mingħajr dubju hemm element ta' pika kbira bejn il-partijiet tant li ma rnexxielhomx jittransiġu d-differenzi tagħhom barra mill-Qorti, id-deċiżjoni tat-Tribunal dwar il-kap tal-ispejjeż hija waħda matematika preċiża maħduma a bażi ta' dak rikjest mis-soċjeta` attriċi u dak effettivament akkolt.